# Kunsill Lokali Gżira

21 ta’ April 2022

**Ref Nru. 43/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 43/2022 li saret l-Erbgħa 30 ta’ Marzu 2022

Il-Kunsill ltaqa’ permezz ta onlajn meeting fuq Zoom fil-5.30pm.

**Preżenti**

Sebgħa membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Ian Buhagiar, Hugh Caruana, Shaun Farrugia u Jessica Borg flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttiv Claire Goodlip

**Skuzati**

Il-Kunsillera Jeremy Cardona, Alex Zammit

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li hareg fl- 22 ta’ Marzu 2022

**43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

43.1.1 L-Apoloġiji ġew moqrija.

**43.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

43.2.1 Il-minuti tal-laqgħa li saret il- 24 ta' Frar 2022 ttiehdu bħala moqrija u ċ-Chairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

43.2.2 Paġna Nru.2 para 42.2.3 – Ħsara fil-Lift – Is-Sindku informa lil Kunsill li l-kont pendenti tħallas mis-sid tal-binja, u is-Segretarja kompliet billi tgħid li l-pass li jmiss hu li jsir kuntant mal-fornitur sabiex jinbdew ix-xogħlijiet fuq il-ħsarat.

43.2.3 Paġna Nru.2 para 42.2.5 – Proġett tal- Gnien – Il-Kunsillier H.Caruana staqsa aġġornament fuq id-decizjoni li ħa il-Kunsill biex immexi bil-qorti kontra il-Lands. Is-Sindku qal li l-Avukat Claire Bonello qed taħdem fuqa prezentament u li fil-gimgħa li ġejja għandha tipprezenta kollox il-qorti. Fuq informazzjoni li ipprovdew uħud mil-membri tal-kunsill, is-sindku ser jiċċekja l-istat tal-ġnien sabiex jittieħdu pass f'kas li hemm il-perikli

43.2.4 Paġna Nru.4 para 42.6.2 – Problema tal-Funerali – Fuq problema li semmha il-Kunsillier N.Chetcuti ta' meta ingħalqet it-triq ħabba il-funerali, ġie deciz  li t-triq ma tingħalaqx. Is-Signs kif gew diskussi huma ordnati u għandhom jitwaħħlu u mahom issir yellow line.

43.2.5 Paġna Nru.4 para 42.6.5 – Community Police – Il-Kunsillier N.Chetcuti staqsa għal aġġornament fuq il-Community Police fejn is-Sinku infurma lil kunsill għandhom jibdew fl-aħħar kwart tas-sena. Il-Kunsill qabel li l-ittra għandha xorta wahda tintbghat.

43.2.6 Paġna Nru.4 para 42.6.6 – Pjazza Meme Scicluna – Il-Kunsillier N.Chetcuti staqsa għal aġġornament fuq l-applikazzjoni mal-Planning Authority, fejn ġie ikkonfermat li l-awtorita ingħatat id-dokumenti kollha fejn b'hekk il-peress għandu joħrog dalwaqt. Il-Kunsillier H.Caruana semmgħa barra il-polyclinic hekk ikun hemm queue ta nies esposti għal elementi. Fuq suggeritment tas-Sindku, il-kunsill qabel li fis-sajf jiġu armati zewg tinet u bankijiet, fejn il-bankijiet jizzarmaw bil-lejl sabiex jitnaqqas l-abbuz.

43.2.7 Il-Kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 42 jiġu approvati. Il-Vici Sindku R.Mangion ssekondaħ.

**43.3 Komunikazzjoni tas-Sindku**

43.3.1 Bidla tas-Servizz ta' Accountant – L-Agent Segretarju Ezekuttiv informat lil kunsill li l-kumpanija li kienet qed tipprovdi s-servizz ta' Accountant tagħat notifika li ser twaqqaf is-servizz. Għaldaqstant inħarget serja għal dan is-servizz, ġiet ikkunsidrata u inqatat skont il-porceduri ta' l-akkwisti.

43.3.2 Permessi Online – L-Agent Segretarju Ezekuttiv informatlil kunsill li mill-1 ta' April is-sistema tal permess ser tiġi provduta online, sistema provduta mil- Gvern Lokali. Is-sistema xorta wahda ser tibqa kif kienet, fej il-kunsill ser ikollu il-facilita japprova/ ma japprovax permess skont l-eziċenzi tal-kunsill.

43.3.3 Maratona fl-24 ta' April – Il-Kunsill intalab jagħti n-No Object għal din il-maratona, fejn il-kunsill approva li tingħata.

43.3.4 Il-Patrol Station tax-Xatt – Is-Sindku ħabbar lil Kunsill ir-rizultati tar-ricerka li saret, fejn ir-rizultati mhumiex favorevoli għal-ambjent. Għaldaqstant issuggerixxa li l-esperti jagħtu spjegazzjoni semplici u iktar fid-dettal sabiex tkun disponibbli għal-pubbliku. Dan ir-rapport ser ikun imressaq il-qorti fil-kawzi pendenti.

43.3.5 Servizz ta' Maintanance tal-laptops – Il-Kunsill gie mgħarraf li l-kuntratt ma' The Notebook Centre li sar fuq il-maintanace tal-laptops lil komunita gie fi tmiemu. Dan il-fornitur irrapporta li f'sena sar il-maintance ta' 643 laptops. Madanakollu sabiex igedded dan il-kuntratt il-kunsill talab feedback mir-residenti stess.

**43.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

43.4.1 Xogħolijiet ta' Carlo Manche – Is-Sindku infurma lil kunsill li x-xogħolijiet f'din it-triq twaqqfu minnhabba li kellhom jinbidlu xi katusi mil-ġdid, xogħol li għandu jsir mil-WaterServices. Is-Sindku tkellem mal-perit inkarigat mill-progett sabiex dawn il-katusi isir minnufih u jitkompla ix-xogħol kif pjanat.

43.4.2 Progett Triq Manoel – Is-Sindku ikkonferma li għalkemm ser isiru il-paving block, it-toroq xxorta wahda ser ikunu aċċessibli bil-karozzi. Pero bankini mhux ser isiru u minflokhom ser isiru bollards u fanali godda.

43.4.3 Public Convenience – Is-Segretarja taghat aġġornament fuq ix-xogħlijiet tal-Public Conveniene, li miexi tajjeb. Fuq dan is-suggett, il-Kunsill rega qajjem id-diskussjoni tal-Attendent, fejn il-kunsill għandu jiddiskuti mas-sid tal-gabbana.

43.4.3 Ħattra ta' Segretarju Ezekuttiv – Il-Kunsill reġa qajjem id-diskussojoni għal ħattra tas -Segretarju Ezekuttiv, fejn il-Kunsill qabel li joħroġ is-sejħa.

43.4.4 Sleeping Police Triq il-Flotta ma' Ponsomby – Fuq suggeriment ta' uħud mil-Kunsilliera, il-kunsill għandu jara fejn l-ahjar għandhom isiru s-sleeping police sabiex jiġu evitati aċċidenti.

**43.5 Rapporti**

43.5.1 Il-Kunsill ma iddiskuta l-ebda rapport.

**43.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

43.6.1 Il-Kunsilliera J.Borg talbet aggiornament fuq is-sitwazzjoni tal-ħamiem. Il-Kunsillier N.Chetcuti ta redikont u qal li is-silos għadhom ma sarux. Għaldaqstant għandu jiccekja ma l-assocjazzjoni.

43.6.2 Il-Kunsillier N.Chetcuti semmgħa li hemm bzonn li l-Kunsill ikun infurmat b'aġġornamenti ta' dak li jkun għaddej fil-kunsill ta'kuljum. Madanakollu fejn jithol infurzar il-kunsill ftit li xejn jieħu risposti wara li jiġu irraportati.

43.6.3 Is-Sindku talab lil kunsilliera sabiex il-kontribuzzjoni għal booklet għandha tiġi imressqa lil amministrazzjoni sa nofs April.

43.6.4 Is-Sindku infurma lil Kunsill li ser isiru xi xogħolijiet fil-librerija sabiex tingħata dehra aħjar u iktar moderna. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni mil-kunsill

**43.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

43.7.1 Il-Kunsillier H.Carauna staqsa dwar il-pagamenti ta Fabian Borg. Il-Kunsill ġie infurmat li kunsill jingħata ircevuta ta kull tranzazzjoni, fejn il-pagament gie imhallas bi credit card personali.

43.7.2 Il-Kunsilliera S.Farrugia staqsa dwar il-pagament tal uniformijiet. L-Agent Segretarju Ezekuttiv taghat dettalji dwar l-uniformijiet u għandha tibghat koppja tal-Invoice lil kunsilliera.

43.7.3 Il-Vici Sindku I. Buhagiar ppropona li l-paġamenti jiġu approvati. Il-Kunsillier N.Chetcuti ssekonda.

**43.8 Mozzjonijiet**

43.8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**43.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

43.9.1 Il-laqgħa intemmet ghall-ħabta ta' 7.15pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar l-Erbgħa 27 ta' April 2022 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 22 ta' Marzu 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Claire Goodlip<br>Aġent. Segretarju Eżekuttiv |